# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 1374

KAZ NRU. 1662

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

Malta Freeport Terminals Ltd

u

Union Haddiema Maghqudin

u

General Workers' Unions

dwar gharfien ta' Unions skond id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali ta' l-4 ta' Mejju 1995 jew gharfien ewlieni lill-U.H.M.

illum l-Erbgha 22 ta' Jannar 2003

Chairman: is-sur Carmel Debono
Membri: is-sur Alfred Mallia Milanes
is-sur John Falzon

1. Introduzzjoni.

Din it-Tilwima tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata d-29 ta' Mejju 2002, Ref MSP/2/97/58 – 591/02 biex tigi processata skond l-Artiklu 27 tal-Att Dwar Relazzjonijiet Industrijali.

B'ittra datata s-27 ta' Gunju 2002, il-kumpanija gibdet l-attenzjoni tat-Tribunal li t-Tilwima kienet tikkoncerna wkoll lill-G.W.U. , kif jidher fl-ittra tal-kumpanija mibghuta lill-Ministru ghall-Politika Socjali datata s-16 ta' Mejju 2002.

Il-kumpanija, Malta Freeport Terminals Ltd kienet rapprezentata mis-sur F.X. Azzopardi, *Human Resources Manager* u Dr. Stanley Portelli, Segretarju tal-Kumpanija u Direttur, li kienu assistiti mill-Avukat Richard Camilleri LL.D.

Il-Union Haddiema Maghqudin kienet rapprezentata mis-sur Joe Grillo, Segretarju Taqsima Parastatali u s-Sinjuri George Agius, *Shop Steward* u Joe Serpina, Membru.

Ghall-General Workers' Union deher is-sur Emmanuel Micallef, Deputat Segretarju Generali u s-Sinjuri Emmanuel Zammit, Assistent Segretarju, Brian Borg, rapprezentant tat-*technicians* u Joe Saliba, *Shop Steward.*

Attendew ukoll ghal xi seduta/i is-Sinjuri Mario Sacco, Segretarju Taqsima Servizzi Generali u Anthony Vella, *Shop Steward ghal naha* tal-U.H.M. u s-Sinjuri John Zahra, Andre Santillo, Simon Cassar, Jesmond Azzopardi kollha Membri tal-GWU.

It-Tribunal zamm sitt (6) seduti.

2. Xhieda.

Tul is-smiegh tat-tilwima xehdu s-segwenti individwi:

Is-sur Emmanuel Zammit, *Shop Steward* - General Workers' Union;
is-sur Joe Grillo, Segretarju – Union Haddiema Maghqudin;
is-sur F.X. Azzopardi, *H.R. Manager* - Malta Freeport Terminals Ltd;
is-sur Lawrence Portelli, *Admin. Manager* - Malta Freeport Terminals Ltd;
is-sur Christ Vella, *Snr. Eng. Manager* - Malta Freeport Terminals Ltd;
is-sur Frank Pullicino, Direttur tax-Xoghol - Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjiegi;
is-sur Anthony Azzopardi, Asst. Direttur - Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjiegi;
is-sur Mario Gatt, Spettur - Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjiegi;

3.Dokumenti.

Tul il-process gew prezentati u esebiti diversi dokumenti li kienu jinkludu

(a) kopja tal-Ftehim Kollettiv datat l-20 ta' April 2000 bejn il-Freeport u l-General Workers' Union u l-Union Haddiema Maghqudin.

(b) lista tal-impjegati tal-Engineering Department li fuqha sar l-ezercizzju tad-Direttur tax-Xoghol, ghal fini biex jigi stabbilit min miz-zewg Unions kellu l-50% +1 tal-membri fl-Engineering Department.

4. Terms of Remit.

Il-kumpanijia rriferiet it-Tilwima b' it-Terms of Remit segwenti:

"Jekk l-istat attwali ghar-rigward *union recognition* fl-azjenda tal-Kumpanija ghandiex tibqa' kif inhi fil-prezent u cioe' skond id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tal-4 ta' Mejju 1995 li kienet iddecidiet li il-Union Haddiema Maghqudin ('UHM') ghandu jkollha r-*recognition* ghall-finijiet ta' *collective bargaining* ghall-impjegati industrijali bil-kundizzjoni li l-General Workers' Union ('G.W.U.') flimkien mal-U.H.M. ghandu jkollha "joint recognition" ghall-finijiet ta' negozjar dwar salarji beneficcji u kundizzjonijiet ta' xoghol ghall-impjegati ta' l-Engineering Department jew inkella jekk ghandhiex tinghata gharfien ewlieni (sole Recognition) lill-UHM ghal haddiema kollha inkluz dawk fl-Engineering Department."

Il-G.W.U. iddikjarat li meta giet implimentata d-decizjoni tat-Tribunal dwar "joint recognition" kien hemm armonija fost il-haddiema tad-Dipartiment tal-Ingenerija u dan jawgura tajjeb ghar-relazzjonijiet industrijali ahjar.

Minn naha taghha l-kumpanija talbet lit-Tribunal jiddefenixxi l-elementi essenzjali tat-tilwima b'mod li tirrizolvi t-tilwima skond il-prattika industrijali f'materja ta' *union recognition*. Da parti taghha l-kumpanija stqarret li tirrimetti ruha ghad-decizjoni tat-Tribunal.

5. Sottomissjonijiet.

Il-G.W.U. issottomettiet li l-kaz kollu jinvolvi "recognition" ta' "bargaining unit" bhal fil-kaz tal-Engineering Department ma ghandux jkun suggett ghall-tibdil abbazi ta' numru zghir ta' impjegati li ma ghadhomx aktar fattwallment jaqaw taht il-gurisdizzjoni u r-responsabbilita' tal-Engineering Manager.

Ma deheriliex il-G.W.U. li dawn il-ftit "storekeepers" ghandhom jkunu l-kawza li jddisturbaw l-"istatus quo" tal -"joint recognition" fl-Engineering Department, sistema ta' relazzjoni industrijali bejn iz-zewg Unions li hadmet u kienet applikata korrettament.

Il-U.H.M. irreteniet li l-Appendici "A" tal-Ftehim Kollettiv jpoggi lill-i*storekeepers* bhala parti mill-Engineering Department u ma kien hemm l-ebda talba mill-G.W.U. biex dawn jinqatghu mill-*complement* tal-Engineering Department.

Il-U.H.M. argumentat li kieku kellu jigi accettat is-segregazzjoni ta' l-i*storekeepers* minn ma l-Engineering Department jezisti l-periklu li ssir segregazzjoni ta' gradi fi branki ohra tal-kumpanija li tkun taffettwa d-dritt tar-*recognition* fuq bazi kollettiv. Il-U.H.M. ghamlet referenza ghall xi individwi, *storekeepers* li kienu meqjusa mill-G.W.U. fil-passat bhala parti mill-*complement* tal-Engineering Department u issa l-istess G.W.U. qeghda tghid li

dawn ma ghandhomx jitqiesu l-istess.

Il-U.H.M. irreferiet ghall-konferma tal-*Human Resources Manager* tal-Freeport li fix-xhieda tieghu l-i*storekeepers* jiffurmaw parti mill-*complement* tal-Engineering Department u kien preciz fuq dan li d-Direttur tax-Xoghol ghamel l-ezercizzju tieghu dwar il-Union *membership* taz-zewg Unions.

6. Il-Fatti.

Bid-decizjoni Nru 628 tal-4 ta' Mejju 1995, it-Tribunal Industrijali bejn il-G.W.U. u l-U.H.M. kien iddecieda li l-U.H.M. kellu jkollha "gharfien ghall-finijiet ta' collective bargaining" ghall-impjegati industrijali bil-kundizzjoni li l-G.W.U. flimkien mal-U.H.M. ikollha "joint recognition" ghall-finijiet ta' negozjar dwar salarji, beneficcju u kundizzjonijiet tax-xoghol ghall-impjegati tal-Engineering Department fil-Freeport.

Dan effettivament kien ifisser li l-U.H.M. kellha l-gharfien ewlieni ghall-impjegati kollha fil-Freeport sew industrijali kif ukoll non-industrijali hlief ghall-Engineering Department fejn gie stabbilit "joint recognition" bejn iz-zewg Unions.

Fis-26 ta' Novembru 2001 il-U.H.M. talbet gharfien ewlieni fl-Engineering Department ghax skond il-Union kellha l-maggoranza tal-haddiema f ' dan id-Dipartiment bhala membri taghha.

Fit-18 ta' Jannar 2002, il-Kumpanija irreferiet il-kwistjoni lid-Dipartiment tax-Xoghol u wara

li d-Direttur tax-Xoghol kellu xi laqghat mal-partijiet kollha koncernati fit-18 u s-19 ta' Frar ta' l-istess sena, informa lill-Freeport fit-18 ta' Marzu 2002, li minn ezercizzju li kien ghamel, kien irrizultalu li l-U.H.M. kellha hamsin fil-Mijja u wiehed (50% +1) tal-impjegati fl-Engineering Department bhala membri taghha.

Bhala rizultat fil-15 ta' April 2002 il-Freeport kitbet liz-zewg Unions bl-ezitu tal-ezercizzju tad-Direttur tax-Xoghol u rrtirat l-gharfien tal-G.W.U. fl-Engineering Department, liema gharfien gie mghoddi l-U.H.M.

Fis-16 ta' April 2002, il-G.W.U. kitbet lill-Freeport li ma kinitx taqbel mad-decizjoni tal-kumpanija ghar-raguni li l-ezercizzju ma kienx jirrifletti r-rejalta' tal-fatti fil-gradi li jiffurmaw l-Engineering Department, u li din kienet tammonta ghal theddida serja lill-G.W.U. u li ghalhekk kienet thoss li kienet libera li tiehu l-azzjonijiet necessarji biex tiddefendi l-pozizzjoni tal-G.W.U. fil-Freeport.

Wara li fallew diversi attentati biex tigi rizolta t-tilwima, gie rregistrat nuqqas ta' qbil; bhala sinjal ta' rieda tajba, l-Freeport iddeciediet li tissospendi t-tahdidiet mibdija mal-U.H.M. dwar ftehim kollettiv gdid sakemm tigi rizolta din it-tilwima dwar ir-*recognition* tal-Engineering Department.

7. Kunsiderazzjonijiet.

Il-bazi tat-Tilwima odjerna jikkoncerna jekk numru ta' impjegati fl-Engineering Department gradati *storekeepers* ghandhomx jitqiesu bhala parti mill-Engineering Department meta

dawn skond il-G.W.U. jaqaw taht ir-responsabbilita tal-*Administration Manager*.

Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li dawn l-impjegati, viz l-"istorekeepers" kienu jidhru bhala membri tal- "complement" fl-Engineering Department meta kien iffirmat il-Ftehim Kollettiv bejn il-Freeport, il-G.W.U. u l-U.H.M.

Ma hemmx anqas kontestazzjoni li isem dawn l-i*storekeepers* gie inkluz fil-lista li l-Freeport ipprezentat lid-Direttur tax-Xoghol bhala parti mill-"complement" tal-Engineering Department.

Minn naha tal-G.W.U. saret kontestazzjoni li dawn li-*storekeepers* ma kellhom l-ebda konnessjoni mal-Engineering Department, tant li ma kienux jirrapurtaw jew responsabbli lill-*Engineering Manager* u li per se ma setghux fil-fehma tal-G.W.U. jinfluwenzaw l-ezitu tal-ezercizzju dwar "Union membership" ghas-skapitu u dannu lejn l-gharfien tal-G.W.U. dwar l-Engineering Department.

It-Tribunal irid jghamilha cara li hu sodisfatt li l-ezercizzju li kkonduca d-Direttur tax-Xoghol dwar il-Union *membership* fl-Engineering Department kien "fair and above board" u li sar abbazi tal-lista ufficcjali tal-impjegati fl-Engineering Department provduta mill-kumpanija.

Il-G.W.U. sostniet li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali dwar gharfien kongunt fl-Engineering Department tal-4 ta' Mejju 1995 kienet gusta, effettiva u applikata b'kordjalita bejn iz-zewg Unions u ghalhekk ma kienx hemm raguni bizzejjed valida biex din id-decizjoni tigi mibdula, speccjallment minhabba numru zghir ta' impjegati (*storekeepers*) li fattwallment ma kellhom l-ebda rbit amministrattiv mal-Engineering Department.

F'dan ir-rigward, it-Tribunal Industrijali jidhirlu li ghandu jikkwota dik il-parti tad-Decizjoni Nru 628 li tiddikjara fuq liema bazi u ghall-liema raguni, l-G.W.U. inghatat gharfien kongunt ghall-Engineering Department.

" Il-G.W.U. tinghata 'joint recognition' ghall-finijiet ta' negozjar dwar salarji, beneficcji u kundizzjonijiet tax-xoghol ghal-impjegati ta' l-Engineering Department fejn l-istess Union ghandha 'l fuq minn 50 % u wiehed mill-impjegati membri taghha f' Dipartiment li huwa meqjus li jikkwalifika bhala 'appropriate bargaining unit' ".

Is-sottolinejar huwa tat-Tribunal.

It-Tribunal ma sema' l-ebda argument validu li jirrendi l-ezercizzju tad-Direttur tax-Xoghol dwar il-*membership* taz-zewg Unions fl-Engineering Department inaccettabbli.

Huwa veru li l-G.W.U. argumentat kontra l-ammissibilita' ta' l-i*storekeepers ghall-fini ta' "recognition"* meta dawn jirrispondu lill-*Administration Manager* (u mhux lill-*Engineering Manager*) izda dawn huma ddikjarati mill-kumpanija bhala parti mill-*complement* tal-Engineering Department u li skond il-Ftehim Kollettiv vigenti ffirmat miz-zewg Unions huma parti mill-Engineering Department.

Decizjoni

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li-*lstatements of Case* tal-partijiet, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti, sema' u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, sema' ra u

kkunsidra s-sottomissjonijiet u osservazzjonijiet finali tal-partijiet, isib  u jiddeciedi dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal citati aktar 'l fuq, il-U.H.M. ghandha tinghata "sole recognition" dwar l-Engineering Department fil-Malta Freeport Terminals Ltd.

B' hekk tintemm din it-Tilwima tax-Xoghol.

--------------------------------

Carmel Debono
Chairman

--------------------------------

Alfred Mallia Milanes
Membru

--------------------------------

John Falzon
Membru